MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2010

Appell Civili Numru. 181/2005/1

**Mariella Chetcuti**

**v.**

**George Chetcuti**

**Il-Qorti**:

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell dwar il-manteniment moghti ghall-attrici u ghall-minuri kif ukoll dwar il-likwidazzjoni tal-assi f'kawza ta' separazjoni. Is-sentenza appellata nghatat

mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta' April 2009. L-appell tal-konvenut George Chetcuti gie ntavolat fit-8 ta' Mejju 2009. Ebda risposta bil-miktub ma giet prezentata mill-attrici. L-appell instema' fl-14 ta' Dicembru 2009. Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza qed tigi riprodotta fl-inter taghha s-sentenza apepllata, mnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet fic-citazzjoni tal-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

**“Il-Qorti:**

“Rat l-att tac-citazzjoni ppreżentata fl-10 ta' Gunju 2005 li permezz tagħha l-attriei ppremettiet:

“Peress illi l-kontendenti żżewġu fit-30 ta' Settembru 1995 kif jirriżulta aħjar mic-certifikat taż-żwieā tagħhom hawn anness u mmarkat bħala Dok. A.

“Peress illi minn dan iż-żwieg, il-konjugi Chetcuti kellhom wild u cioe' Kersten Chetcuti li twieled fit-3 ta' Gunju 1997 (Dok. B).

“Peress illi l-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli minħabba li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' abbandun, eccessi, sevizzi, vjolenza fiżika u psikologika u ngurji gravi fil-konfront ta' martu l-attrici kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

“Peress illi l-attrici ġiet debitament awtorizzata illi tippreżenta din l-istanza għas-separazzjoni *a mensa et thoro* mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

“Peress illi l-attriċi għamlet diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni, inkluż li ħafret lil konvenut żewġha għall-aġir vjolenti fil-konfront tagħha, iżda dawn ma tawx frott u dan minħabba l-agir intransiġenti tal-konvenut.

“Peress illi t-tentattivi li saru sabiex tintlaħaq separazzjoni bonarja, inkluż permezz tal-medjazzjoni, ma tawx frott għall-istess raġunijiet.

“Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex in vista tal-premess m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-konvenut u senjatament abbandun, eċċessi, sevizzi, vjolenza fiżika u psikoloġika u nġurji gravi fil-konfront ta’ martu l-attriċi.

“2. Tawtorizza lill-attriċi tgħix separata mill-konvenut żewġha.

“3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri fuq imsemmmi tigi fdata f’idejn l-attriċi, b’access lill-konvenut żewġha fil-granet u ħinijiet iffissati minn din il-Qorti u taht dawk il-kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

“4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi martu u lil ibnu minuri dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tiġi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenut u l-bżonnijiet ta’ l-attriċi u ta’ binha, pagabbli mill-konvenut lill-istess attriċi martu fil-ġimgħa jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex iħallas, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex l-attriċi u binha jkunu finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut, skond dawk il-modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

“5. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti.

“6. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti lill-kontendenti f’dak il-porzjon u b’dawk il-modalitajiet li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

“7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn dawk id-drittijiet tiegħu, kif jiġi stabbilit minn din l-Qorti, skond ir-riżultanzi, u dan a tenur ta’ l-Artikolu 51 tal-Kodici Civili.

“8. Tordna li l-attrici tkompli tgħix u tabita fid-dar matrimonjali u cioe’ fil-fond “Verbum Dei Caro”, Triq il-Kbira, Siġġiewi, flimkien ma’ binha minuri, ad esklużjoni ta’ żewgha l-konvenut.

“Bl-ispejjeż, kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt minn issa stess in subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet, ippreżentata fis-6 ta’ Lulju 2005, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

“1. Illi filwaqt li jaqbel li l-ħajja miżżewġa tagħhom tkissret irrimedjabbilment, dan seħħ unikament tort ta’ l-attrici u għalhekk it-talbiet attriċi, in kwantu li jimputaw xi tort lill-eċċipjent għall-ksur tal-ħajja miżżewġa huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu miċħuda bl-ispejjeż.

“2. Illi hemm qbil li l-partijiet it-tnejn jiġu awtorizzati jgħixu separatament.

“3. Illi mhux fl-interess tal-minuri li jigi fdat fil-kura u kustodja ta’ l-attriċi iżda għandu jiġi, fl-aħjar interess tiegħu, fdat fil-kura u kustodja konġunta tal-partijiet u l-access ukoll regolat minn din l-Onorabbli Qorti dejjem fl-aħjar interess tat-tifel.

“4. Illi r-raba’ talba attrici, in kwantu li tkopri manteniment għall-attrici personalment, kemm f’rati mensili ossia f’somma globali, għandha tigi miċħuda b’effett mid-data tad-digriet *pendente lite* stante li l-attrici m’hiex skond il-ligi intitolata għall-manteniment mill-eċċipjent żewġha, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni. Illi hemm qbil li l-eċċipjent hu obbligat imantni lil binhom minuri skond il-ligi, tenut kont ukoll il-mezzi u kapacitajiet għax-xogħol ta’ l-attriċi.

“5. Illi hemm qbil dwar il-ħames talba attrici.

"6. Illi hemm qbil dwar is-sitt talba attriċi billi ukoll din l-Onorabbli Qorti tistabbilixxi data li minn dik id-data 'il quddiem l-akkwisti li jkunu saru bix-xogħol u ħila tal-attur jibqgħu biss a benefiċċju tiegħu u dan, okkorrendo b'opera ta' perit nominand u b'nomina ta' kuratur sabiex jidher fuq l-att opportun in rappreżentanza ta' l-eventwali kontumaċja.

"7. Illi s-seba' talba attriċi għandha tigi miċħuda in kwantu li ma jeżistux l-elementi ġuridiċi sabiex l-eċċipjent jitqies li ddekada mid-drittijiet tiegħu kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni iżda għandha l-attrici stess tigi dikjarata li ddekadiet mill-jeddijiet tagħha a tenur ta' l-artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili tal-Liġijiet ta' Malta li għandhom jiġu applikati kontriha *in toto* jew *in parte* u dan b'effett mid-data tad-digriet mogħti *pendente lite* (digriet 854/05) fl-20 ta' Gunju 2005 kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni.

"8. Illi t-tmien talba wkoll għandha tiġi miċħuda u għandu, l-istess eċċipjent, jiġi awtorizzat jabita fid-dar matrimonjali *Verbum Dei Caro* Triq il-Kbira, Siġġiewi ad esklużjoni ta' l-attriċi.

"9. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra l-attriċi.[1]

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom ta' l-istess partijiet;

"Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ottubru 2004 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottor Ludvic Caruana u r-rapport tal-istess perit legali debitament maħluf *oltre* l-verbali tas-seduti li saru quddiem l-istess perit legali;

"Rat l-atti processwali;

"Ikkunsidrat;

---

[1] Jigi osservat li l-konvenut ma ppropona ebda kontro-talba, minkejja l-mod kif inhuma redatti l-eccezzjonijiet tieghu – il-Qorti ta' l-Appell.

"Illi kif ġia' ingħad l-attrici qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti ragunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Minkejja li l-kawża kienet kontestata ħafna għall-inqas kien hemm certu sens ta' responsabbiltaċ da parti tal-partijiet fejn jirrigwardja t-tifel u ma kienx hemm wisq kuntrast dwar dan. Fil-fatt il-konvenut għalkemm qed jikkontesta t-talba ta' l-attriċi li jkollha kura u kustodja, fl-aħħar tal-proċeduri ndika li jinteressah l-iktar li jgħaddi kemm jista' jkun ħin miegħu. Għalhekk apparti t-tort ta' min tfarrak iż-żwieġ il-kontestazzjoni principali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-manteniment li l-attur għandu jħallas. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom.

**"TORT**

"L-attriċi waħħlet fil-konvenut fit-tifrik (recte: għat-tifrik) taż-żwieġ u qalet li kien iħalliha ħafna ħin waħedha; lanqas jiekol ma kien id-dar għaliex ħafna drabi kien jiekol għand ommu. Anke nhar ta' Ħadd kien jeħodha Marsaxlokk fejn huwa kien imur jistad u jħalliha waħedha fil-karozza; wara jmorru għand ommu u joqgħod jara t-*television*. Da parti tiegħu l-konvenut jgħid illi kienet l-attrici li bdiet titlef l-interess fih u ma tħalliħx jersaq lejha; ilmenta mill-fatt li l-minuri kien jorqod fis-sodda magħhom anke meta kien qed jixhed (u għalhekk it-tifel ġia' kellu għaxar snin). Il-perit legali sab diffikolta` biex jinkwadra l-każ odjern taħt xi waħda mill-lanjanzi tradizzjonali u ndikati mill-ligi biex iwasslu għal talba ta' separazzjoni u wieħed jifhem din id-diffikolta` għaliex il-każ in kwistjoni huwa wieħed fejn tipikament il-partijiet tbegħdu minn xulxin. Jista' jkun għalhekk li l-partijiet it-tnejn qalu l-verita` kif fuq imsemmi u b'riżultat ta' dan iż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment. L-artikolu 40 tal-Kodici Ċivili jipprovdi li l-Qorti tista' tippronunzja s-separazzjoni bejn il-miżżewgin jekk dan jirriżultalha anke jekk ebda waħda mill-partijiet ma tindika dan (u cioe' t-tifrik irrimedjabbli) bħala raġuni għas-separazzjoni.

"Għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali f'dan l-aspett u żżid li l-partijiet sabu ruħhom f'*'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* (**Caterina Agius vs Benedict Agius** – Prim Awla 13 ta' Ġunju 1967)*.* Dan mingħajr ma kien hemm ebda vjolenza fiżika bejniethom. Il-perit legali rravvisa wkoll li l-attriċi kellha żgur xi forma ta' ħbiberija ma' ċertu Maurice Cassar u gew traċċjati diversi telefonati bejn iċ-ċellulari ta' l-attriċi u dak ta' Maurice Cassar li għalkemm ġie nġunt diversi drabi ma telax jixhed. Il-Qorti taqbel li *nonostante* c-caħda ta' l-attriċi il-probabbilta` hija l-attrici minħabba l-ineżistenza ta' rapport li kellha ma żewġha daħlet fi ħbiberija intima ma' din il-persuna u għalkemm ma tirravviżax prova suffiċjenti ta' adulterju, hemm raġunijiet biżżejjed biex tħoss li din il-ħbiberija tikkostitwixxi nġurja gravi fil-konfront tal-konvenut. Billi ma saritx kontro-talba t-tort ta' l-attrici ma hux fundament għall-akkoljiment tat-talba għall-pronunzjament tas-separazzjoni iżda naturalment il-Qorti tieħdu in konsiderazzjoni fir-rigward tat-talbiet ta' l-attriċi.

**"KURA U KUSTODJA TAL-MINURI**

"Fil-mori tal-kawża kien hemm indikazzjoni ċara li l-konveut aċċetta li minħabba l-iskeda tax-xogħol tiegħu (huwa jaħdem għal rasu) ma hux f'pożizzjoni li jieħu ħsieb kostanti tal-minuri u għalhekk il-kura u kustodja tiegħu se tiġi affidata lill-attriċi b'aċċess adegwat lill-konvenut.

**"QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

"L-attriċi ndikat li l-partijiet għandhom id-dar konjugali fis-Siġġiewi proprjet` tagħhom; kontijiet il-Bank of Valletta; tliet elef lira Maltin (Lm3,000) li skond l-attriċi il-konvenut ħa minn kaxxa li kienet id-dar (apparentement fejn kienu jġemmgħu l-flus); erbat elf lira Maltin (Lm4,000) li l-konvenut ħa biex jixtri garaxx f'isem il-ġenituri tiegħu; Van Tata mixtri fl-1997 għal erbat elef u tliet mitt lira Maltin (Lm4,300) u l-għodda li jaħdem biha. Il-konvenut da parti

tiegħu semma l-istess affarijiet (*eccetto* l-flus għall-garaxx li jgħid li xtrawh ommu u missieru bi flushom) iżda jakkuża lill-attriċi li ħadet it-tliet elef lira (Lm3,000) hi. Jgħid ukoll illi l-ġenituri tiegħu tawh bħala rigal tlettax-il pagament għall-karozza (*circa* seba' mitt lira Maltin (Lm700)) u mitejn u tlieta u sittin lira Maltin (Lm263) f'bolol (wieħed jippresumi tas-sigurta` socjali). Ommu qalet fl-affidavit tagħha li l-garaxx xtrawh bi flushom. Ma hemm ebda dubju li d-dar konjugali illi inxtrat mill-partijiet flimkien qabel iżżewġu għandha tinbiegħ u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet.

"Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li fir-rigward tal-flus għall-garaxx ma nġabet ebda prova konkreta u ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom. Fir-rigward tat-tliet elef lira Maltin (Lm3,000) pero` tħoss li għandha iktar temmen lill-attriċi għaliex tikkonkludi li l-konvenut bħalma jigri spiss f'dawn il-kawżi sab kif jeħohom biex inaqqas l-ammont li l-attriċi tista' teħodlu kif jingħad spiss. Għalhekk għandu jirrifondi nofshom lill-attriċi – ċjoe` elf u ħames mitt lira Maltin (Lm1,500) ossija tliet elef, erba' mija u erbgħa u disgħin Ewro u sitt ċenteżmi (€3,494.06).

"Rigward il-konsistenza ta' l-assi fi flus ma jidhirx li hemm kontestazzjoni illi dawn jikkonsistu fil-kontijiet bankarji ndikati fir-rapport li se jissemmew fil-parti dispożittiva tas-sentenza, u dawn naturalment għandhom jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti indaqs.

"Ma ġewx kontestati r-rigali ammontanti għal *circa* disa' mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm963) ekwivalenti għal elfejn, mitejn u tlieta u erbgħin Ewro u dsatax-il centeżmu (€2,243.19) li saru lill-attur mill-ġenituri tiegħu u għalhekk dawn għandhom jitnaqqsu mill-ammont fuq imsemmi ta' €3,494.06; għalhekk hemm bilanċ ta' elf, mitejn u ħamsin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€1,250.87). Ma sarux valutazzjoni ta' l-għodda u tal-vettura; madankollu din inxtrat fl-1997 għal iktar minn erbat elef Ewro (Lm4,000) u għalhekk il-Qorti se tivvalutaha elfejn, tliet mija u tletin Ewro (€2,330) - sehem l-attrici għalhekk huwa ta' elf, mija u ħamsa u sittin Ewro (€1,165). Fir-rigward ta' l-għodda pero` billi ma saritx prova sufficjenti l-Qorti ma tistax tippronunzja ruħha kif ma tistax fir-rigward ta' l-oggetti fid-

dar li lanqas biss issemmew. Kwindi l-konvenut għandu jħallas b'kollox elfejn, erba' mija u ħmistax-il Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€2,415.87) lill-attriċi.

**"MANTENIMENT**

"Bħalissa hemm *in vigore* digriet ta' din il-Qorti li permezz tiegħu l-konvenut qed iħallas manteniment ta' disgħa u sittin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88) għall-minuri u sitta u erbgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59) għall-attriċi. Il-perit legali kkonkluda illi l-ammont għall-minuri għandu jiżdied filwaqt li l-attrici għadha biżżejjed żagħżugħa biex tfittex ix-xogħol. Giet iċċitata s-sentenza **"Lea Tabone vs Jesmond Tabone"** (2 ta' Ottubru 2003) fejn intqal illi l-fatt li l-mara ma taħdimx ma jfissirx li din ma għandhiex il-potenzjal li taħdem u tiġġenera ntrojtu. L-avvanz tal-mara gab miegħu wkoll responsabbiltajiet fuq il-mara. Ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabbiltajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwardja manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' r-responsabbiltajiet għal dak li jirrigwardja l-manteniment tal-familja. *In linea di massima* wieħed bilfors jaqbel ma' dan il-pronunzjament għalkemm wieħed irid ukoll igib quddiem għajnejh illi sa ftit ta' snin ilu anke l-istess ġenituri kienu jiskonsiljaw lil uliedhom bniet biex ikomplu jistudjaw għaliex kienu jikkonsidraw li l-importanti għalihom kien li jkunu jafu jmexxu d-dar billi jsajru tajjeb u jieħdu ħsieb l-ulied. Dan bir-riżultat li għad għandna f'pajjiżna ġenerazzjoni ta' nisa miżżewġin pjuttost żgħażagħ u allura f'saħħithom, iżda neqsin għal kollox minn hekk imsejħa *skills* biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol jekk mhux f'xogħol ta' ħasil u tindif, ħafna drabi *part-time,* jekk mhux addirittura mingħajr l-hekk imsejjaħ ktieb tax-xogħol.

Dan qed ifisser illi f'każijiet ta' separazzjoni fejn il-mara tirrinunzja jew tiddekadi mid-dritt tal-manteniment, jigri li mhux il-mara toħrog taħdem u tfendi għal rasha iżda ħafna drabi mara jkollha tiddependi mis-servizzi socjali mħallsin naturalment mit-taxxi ta' dawk kollha li jaħdmu. Fil-każ in eżami l-attrici għandha *circa* sebgħa u tletin (37) sena u sfortunatament ma tressqu ebda provi dwar il-kapaċitajiet tagħha; madankollu l-Qorti trid ukoll iżżomm

quddiem għajnejha dak illi ġia' qalet fir-rigward tal-ħbiberija ma' terza persuna u għalhekk se tkun limitattiva sewwa fil-ħlas li se tordna lill-konvenut iħallas għall-istess attrici għaliex għalkemm ma rriżultax adulterju hemm indikazzjoni ta' ingurja gravi. Għalhekk se tordna ħlas ta' manteniment ta' erba' mitt Ewro (€400) fix-xahar għall-minuri u mitt Ewro (€100) fix-xahar għall-attriċi.

**"DECIŻJONI**

**"Il-Qorti għalhekk qed tiddeciedi din il-kawża billi:**

**"1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda minħabba li ż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment;**

**"2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-partijiet jgħixu separati;**

**"3. Tilqa' t-tielet talba u taffida l-kura u kustodja tal-minuri Kersten f'idejn l-attriċi b'dan li l-konvenut ikollu access nhar ta' Tnejn u l-Erbgħa bejn l-4:30 p.m u t-8:00 p.m., u s-Sibt jew il-Ħadd alternattivament bejn l-10:00 a.m. u l-5:00 p.m.;**

**"4. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' erba' mitt Ewro fix-xahar lill-konvenuta (recte: attrici) bħala manteniment tal-minuri, u mitt Ewro fix-xahar għall-istess attrici, *rebus sic standibus*;**

**"5. Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti billi tassenja lill-konvenut il-vettura Tata u tordnalu jhallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u ħmistax-il Ewro u sebgħa u tmenin centeżmu (€2,415.87) lill-attriċi a saldu ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti għar-ragunijiet indikati; tordna li dawn il-kontijiet bankarji u cioe' 11700391040, 4001443816, 40014197448, 11798309015, 11798309028 kollha mal-Bank of Valletta għandhom jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet; tordna li d-dar konjugali li ggib l-isem Verbum dei Caro, Triq il-Kbira, Siggiewi għandha tinbiegħ bis-subbasta wara li jgħaddu aktar minn sitt xhur mil-lum**

**u r-rikavat jinqasam fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet – għall-iskop li jistma l-proprjeta' tinnomina lill-AIC Mario Cassar, u għall-pubblikazzjoni *(occorrendo)* tal-kuntratt tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana u lill-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bħala kuratrici tal-kontumaċi, u l-istess att għandu jigi pubblikat fl-edifiċju tal-Qorti fid-data li tiffissa l-Qorti stess fuq talba tan-Nutar nominand (recte: nominat) jew xi ħadd mill-partijiet.**

**"6. Tiddikjara li l-partijiet iddekadew mid-drittijiet suċċessorji fir-rigward ta' xulxin;**

**"7. In vista tal-premess tiċħad it-tmien talba attriċi.**

**"L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet iżda d-dritt u spejjeż tal-perit legali għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."**

**<u>L-appell</u>**

**2.** L-aggravji tal-konvenut kontra din is-sentenza jirrigwardaw il-manteniment ghall-attrici, il-manteniment ghall-minuri u l-likwidazzjoni tal-assi. It-talba tal-appellant hija s-segwenti:

"...l-appellant filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi prodotti u jirriserva id-dritt li jgib dawk il-provi l-ohra konsentiti mill-ligi, jitlob bir-rispett lil din l-onorabbli Qorti sabiex joghgobha tvarja is-sentenza azppellata tat-24 ta April 2009 moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi billi, filwaqt li tikkonferma id-dikjarazzjoni tas-separazzjoni kif ukoll dak ordnat fit-tieni, it-tielet, is-sitt u is-seba' paragrafi tas-sentenza, tverjaha billi: 1) thassar u tirrevokaha in kwantu li dik is-sentenza laqghet it-talba attrici ghall-manteniment ghaliha u dana sa' mid-data tas-sentenza appellata u tiddikjara li hi iddekadiet minn kull dritt taghha ghall-manteniment minn zewgha jew tillibera lill-appellant minn kull obbligu li jhallas manteniment lill-martu, 2) tnaqqas u tirriduci il-manteniment ordnat li jithallas ghall-wild minuri, f'ammont li jidrilha xieraq tenut kont il-mezzi

tal-appellant u l-obbligu tal-appellata li tahdem u tikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ binha minuri, 3) tvarja wkoll is-sentenza appellata in kwantu li illikwidat somma in ekwiparazzjoni li ghandha tithallas lill-attrici u minflok jigi likwidat favur l-appellant kreditu parafernali ta’ ewro 5402.01 kontra l-assi tal-komunjoni, liema somma ghandha tithallas lilu mir-rikavat tal-bejgh tal-istess assi.”

**3.** Rigward dawn it-tliet aggravji tal-konvenut, l-appellata ma wiegbitx peress li ma pprezentat ebda risposta ghall-appell bil-miktub ai termini tal-Artikolu 144(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghalkemm l-appell kien gie ttrattat mill-konsulent legali tal-appellata fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2009 meta nstema’ dan l-appell.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

**4.** Din il-Qorti ghandha quddiemha appell li fih tliet (3) aggravji li jikkoncernaw:

a. il-manteniment ghall-mara;
b. il-manteniment ghall-minuri; u,
c. talba ghall-likwidazzjoni ta’ kreditu parafernali favur l-appellant.

Din il-Qorti sejra tikkonsidera dawn l-aggravji *seriatim*.

**5.** *Il-manteniment ghall-mara*

**5.1** L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas manteniment ghal martu minkejja l-konsiderazzjoni taghha li l-hbiberija tal-appellata u terza persuna jikkostitwixxi ingurja gravi fil-konfront tal-appellant. Jillanja li dan ir-rikonoxximent ta’ dritt ghall-manteniment ghall-mara huwa ingust u ma jikkonformax mal-principji legali u l-gurisprudenza. In sostenn ta’ dan l-ilment, l-appellant iccita lill-Perit Legali li applika l-principji enuncjati fis-sentenza fl-ismijiet **Lea Tabone f’isimha proprio u bhala**

**kuratrici ta' bintha minuri Yanika vs Jesmond Tabone**[2] u cioe` li l-attrici hija bizzejjed zaghzugha biex tfittex impjieg u ghandha l-potenzjal li tahdem. L-appellant ikkritika l-osservazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti li certi nisa mizzewgin zghazagh huma neqsin mill-i*skills* sabiex isibu x-xoghol. Huwa rrefera ghall-programmi ta' tahrig li l-Korporazzjoni tax-Xoghol u t-Tahrig qieghda toffri u incentivi fiskali li jinkoraggixxu lin-nisa mizzewga li ghandhom it-tfal johorgu jahdmu. L-appellant iqis li l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment impost lilu mill-ewwel Qorti sakemm ma jitbiddlux ic-cirkostanzi (*rebus sic stantibus*) hu ngust ghaliex "*hu marbut b'dan l-obbligu sakemm martu taghzel hi li tapplika ruhha fid-dinja tax-xoghol*." L-appellant ighid li l-ewwel Qorti ppronunzjat is-separazzjoni fuq il-bazi li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u mhux abbazi ta' tort da parti tieghu u ghalhekk ighid li hu ghandu jkun ezonerat milli jhallas manteniment ghal martu u minkejja li ma ressaqx kontro-talba, l-Qorti kellha tapplika d-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 52 tal-Kap. 16. la darba kkunsidrat l-ingurja gravi, u mhux tikkundannah ihallas il-manteniment lill-martu. Fl-ahharnett, l-appellant irrefera ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmen Tabone Reale pro et noe vs Anthony Tabone**[3] sabiex jenfasizza l-principju li omm ghandha l-obbligu li tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-wild u "*Hija kapaci tahdem u ghadha fl-età li taghmel dan*."

**5.2** Din il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal dak li tipprovdi l-ligi dwar min fost il-mizzewgin ghandu l-obbligu li jipprovdi l-manteniment u ghal liema ragunijiet il-mizzewweg jiddekadi mid-dritt li jircievi l-manteniment minghand l-iehor. Skond l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili hemm l-obbligu li l-konjugi jmantnu lil xulxin:

"*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja*."

---

[2] Qorti Civili, Prim Awla, deciza fit-2 ta' Ottbru 2003
[3] Qorti Civili, Prim Awla, deciza fit-12 ta' Dicembru 2001

Parti li ghandha dan l-obbligu li tmantni lill-parti l-ohra tigi ezonerata milli tipprovdi l-manteniment jekk il-parti l-ohra tkun il-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 38 (l-adulterju tal-parti l-ohra) u l-Artikolu 41 (ghal sentejn jew izjed, parti tkun abbandunata mill-ohra minghajr raguni tajba) – ara l-Art. 48(1)(d). Meta si tratta ta' ragunijiet ohra – inkluz li z-zwieg ikun tkisser irrimedjabbilment – japplika l-Artikolu 51 li jipprovdi li l-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 40, tista' jkollha l-effett imsemmi fl-Artikolu 48 meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Art. 48. Bis-sahha tal-Artikolu 52, imbaghad, il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni "*li tiddeciedi*, *skond ic-cirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48* [u allura meta hemm adulterju u/jew abbandun]*, ghandhomx ighoddu, f'kollox jew f'bicca, ghar-ragel u ghall-mara, jew ghal wiehed jew ghall-ohra biss, inkellha, m'ghandhomx ighoddu ghal hadd minnhom, jekk il-wiehed u l-ohra jkunu htija ta' eghmil li jaghti lok ghall-firda.*"

**5.3** In vista ta' dawn il-provvedimenti ta' l-ligi, ghalhekk, din il-Qorti ezaminat b'certa reqqa l-provi kollha tal-kawza sabiex tistabbilixxi jekk minn dawn il-provi rrizultatx il-htija kontemplata fl-artikoli 38 jew 41, jew il-eghmil li htija tieghu ta lok ghall-firda ai termini tal-artikolu 52, jew "ic-cirkostanzi" li ghandhom jattivaw l-Art. 51. Din il-Qorti ezaminat b'mod partikolari s-segwenti:

i. ix-xiehda permezz tal-affidavit tal-attrici / appellata[4] u x-xhieda taghha in subizzjoni viva voce[5];
ii. ix-xiehda permezz tal-affidavit tal-konvenut / appellant[6] u x-xhieda viva voce tieghu[7];
iii. l-affidavit ta' Angela Chetcuti[8];
iv. x-xiehda tal-ufficjali mill-kumpanniji li jipprovdu s-servizz tat-telefon; u,

[4] A fol. 19
[5] A fol. 101, a fol. 245 u a fol. 469
[6] A fol. 155
[7] A fol. 151
[8] A fol. 152

v. id-dokumentazzjoni prodotta li tirrigwarda it-telefonati li saru mill-apparat telefoniku fiss kif ukoll minn dak cellulari.

**5.4** Din il-Qorti ssibha tassew stramba li fl-affidavit tal-appellant ma jissemma' assolutament xejn dwar il-problema tal-kont gholi tat-telefon li rcieva[9] xhur qabel ma' bdew il-proceduri ghas-separazzjoni u l-iskoperta li l-kont kien eccessiv minhabba numru kbir ta' telefonati li saru lejn numru partikolari ta' telefon cellulari. Ma qal xejn jekk ikkontestax il-kont mal-kumpannija li pprovdiet ir-residenza tieghu bis-servizz tat-telefon. Ma jissemma' xejn jekk meta avvicina lill-istess kumpannija, talabx li ssir investigazzjoni ghal "tampering" fis-sistema tat-telefon. La fl-affidavit tal-appellant u lanqas f'dak tal-appellata ma ssemma' jekk qattx kien hemm konfront bejnu u bejn martu dwar dan il-kont u t-telefonati partikolari li saru mill-*fixed line* lejn dak cellulari. L-appellant fil-fatt ma kien uriha xejn dwar il-kont: "*Jiena lil marti ma qghadtx nghidilha xejn dwar il-fatt li l-kont gie gholi aktar mis-soltu.*"

**5.5** Minkejja li fil-lista tax-xhieda li l-appellant kien ipprezenta kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ssemmew sahansitra *private investigators*, hadd ma gie prodott bhala xhud biex jirraporta dwar l-imgieba u l-movimenti tal-appellata. Mill-atti jirrizulta li kien sar tentattiv biex tinkiseb ix-xiehda ta' certu Maurice Cassar in konnessjoni mat-telefonati izda dan baqa' qatt ma ngieb. Permezz ta' rikors in atti a fol. 38, l-appellant kien talab sabiex il-kumpanniji li jipprovdu s-servizzi tat-telkomunikazzjoni jigu awtorizzati jizvelaw l-identita` tar-*registered subscriber* tac-cellulari b'numru partikolari, liema awtorizzazzjoni kienet inghatat mill-ewwel Qorti. L-ufficjal tal-kumpannija li tipprovdi s-servizz tat-telefon, Denise Formosa Gruppetta, dwar is-servizz tac-cellulari bin-numru b'dan in-numru qalet: *"... illi dan in-numru qieghed fuq is-sistema pre-paid u mhux registrat.*"[10] Is-servizz tal-mobile bin-numru 79335313 intqal li kien jappartjeni lill-appellata u li l-informazzjoni kienet ingabret

[9] A fol. 472
[10] A fol. 55

b'mod informali[11]. Fl-affidavit tieghu l-appellant xehed li martu "*Kienet il hin kollu ghaddejja fuq il mobile b'messaggi u bdiet tonqos mid-dar matrimonjali*."[12] L-appellant xehed ukoll li: "*Kienu jidhlulha hafna messaggi u telefonati fuq il-mobile taghha. Lili ma kinitx taghtini sodisfazzjoni*."[13] L-appellata cahdet li qatt kellha s-servizz tac-cellulari bin-numru 79335313 u qalet li hi ma tafx lil min jappartjeni n-numru tal-*mobile* li dwarhu sar ir-rikors aktar il fuq imsemmi[14]. Din il-Qorti, izda, ma tistax tifhem kif meta l-appellata xehdet li "*s-sim-card tal-mobile qeghdha fil-pussess tieghi*"[15] ghax zewgha kien hadilha l-mobile, hadd mill-konsulenti legali u lanqas il-Perit Legali ma gietu f'mohhu li jistaqsi dwar in-numru li ggib din is-sim-card u l-kwistjoni dwar x'numru kellha l-appellata kienet tirrisolva ruhha facilment! L-appellata qalet ukoll li kienet halliet il-mobile fuq ic-*charge* minghajr is-simcard "*peress li lil zewgi ma stajtx nafdah kont naf x'kelli naghmel*."[16] Din l-istqarrija tal-appellata ma tantx tista' tghinha ghax turi li ghandha xi haga merfuha fis-sim card li trid tahbiha minn zewgha. Isem Maurice Cassar jissemma' l-ewwel darba waqt ix-xiehda in subizzjoni tal-appellata[17] fejn cahdet li kienet taf min hu Maurice Cassar u li cemplet in-numru li ghalih jirreferi r-rikors a fol. 38, u mbaghad fir-rikors li kien ghamel l-appellant innifsu u li permezz tieghu talab l-awtorizzazzjoni sabiex iharrku bhala xhud. Waqt dik is-seduta, l-appellata cahdet li kienet taf min hu Maurice Cassar u li cemplet numru partikoari. Fl-istess seduta, l-appellant xehed li ma kienx jaf ta' min hu dan in-numru. Izda, imbaghad permezz tar-rikors li kien ghamel l-appellant innifsu ftit wara talab l-awtorizzazzjoni sabiex iharrku bhala xhud. L-ewwel Qorti tat l-awtorizzazzjoni taghha izda minkejja diversi tentattivi (inkluzi dawk bil-procedura tal-iskorta) baqa' qatt ma deher f'din il-kawza.  L-appellant spjega kif wasal ghall-konkluzjoni *("... l-esponenti sar jaf li dan in-numru*

[11] A fol. 56 u a fol. 243
[12] A fol. 156
[13] A fol. 516
[14] A fol. 245 u a fol. 469 – 470
[15] A fol. 469
[16] A fol. 470
[17] A fol. 469

*jappartjeni lill certu Maurice Cassar...*"[18]) li dak is-servizz tal-mobile kien jappartjeni li dan Maurice Cassar. Huwa qal hekk: "*Irrid nghid b'referenza ghall-mobile number …… illi bdew jiguni hafna suspetti bejn il-mara u Maurice. Iccekkjajt u staqsejt fuq dan in-numru, kien hemm persuna li tatni n-numru tieghu, ghamilt xi ndagini u kkonkludejt li dan kien ta' Maurice Cassar.*"[19] L-appellant izda ma pproduca ebda xhud biex jikkorrobora dak li xehed dwar ir-ricerka li ghamel. Hu, pero`, sinifikanti li Maurice Cassar jircievi tahrika ta' xhud u ma jaghtix kazha u ma jidhirx ghas-seduta ffissata mill-Perit Legali. Din il-Qorti thoss illi li kieku ma kellux x'jahbi kien jattendi biex ta' l-anqas jara ghalfejn gie mharrek u jirribatti ghal kull allegazzjoni li saret, jew li setghet issir, fir-rigward tieghu.

**5.6** Wara li gharblet il-provi kif imiss, din il-Qorti (bhal l-ewwel Qorti) waslet ghall-konkluzjoni li r-ragunijiet li jissemmew fl-Artikolu 38 (adulterju) u l-Artikolu 41 (abbandun) ma gewx ppruvati. Fuq il-bazi tal-probabbilità, din il-Qorti, f'dak li ghandu x'jaqsam mal-hbiberija ta' l-appellata ma' terza persuna, tqis il-verzjoni tal-appellant aktar verosimili imsahha minn dak li xehedet l-appellata nnifisha, in-nuqqas ta' dehra ta' Maurice Cassar u d-dokumentazzjoni pprezentata mill-kumpanniji tat-telekomunikazzjoni u l-fatt li biex saru daqstant kuntatti telefonici ifisser li xi darba jew ohra l-appellata u t-terza persuna kienu ltaqghu u taw in-numri tat-telefon cellulari taghhom lil xulxin. Ghalhekk, l-ingurja gravi tirrizulta. Pero` din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li kien dan l-eghmil li kien il-kagun, jew ghall-anqas il-kawza principali, ghall-firda bejn il-konjugi Chetcuti.

**5.7** Din il-Qorti hi konvinta li l-vera kagun tal-firda ma kinitx il-hbiberija mat-terz izda l-bruda li zviluppat matul is-snin tal-hajja mizzewga bejn il-konjugi Chetcuti, liema bruda eskalat mhux meta wasal il-kont tat-telefon izda meta naqset somma flus li kienet tinzamm f'kaxxa fir-residenza tal-konjugi Chetcuti. Skond l-appellant ir-relazzjoni intima ta' bejnu u bejn martu kienet ilha madwar

---

[18] A fol. 53
[19] A fol. 517

tmien snin li waqfet[20]. Binhom, minkejja li kiber u ghalkemm kellu l-kamra tieghu, baqa' jorqod fis-sodda tal-genituri. L-appellata ma kienitx tinghata informazzjoni minn zewgha dwar in-negozju tieghu u kemm kien id-dhul tieghu. Din il-Qorti thoss ukoll li l-influwenza u d-dipendenza fuq il-genituri tieghu kienet ukoll fattur determinanti aktar milli t-telefonati li bdew isiru lejn xi numru cellulari partikolari. Meta nqalghu l-problemi bejn il-konjugi Chetcuti, l-appellant sab ir-refugju facli ghand il-genituri tieghu. Meta rama n-negozju ghal rasu, kienet ommu Angela Chetcuti li kienet hallsitlu l-kontribuzzjoni tas-sigurta` nazzjonali u dan minkejja li merfugha d-dar f'kaxxa kellu mwarrba somma flus. L-appellata saret taf b'dan il-hlas meta r-ricevuti kienu waslu fir-residenza taghha! Angela Chetcuti fl-affidavit qalet hekk: "*jiena sirt naf bl-inkwiet li kien ilu ghaddej meta din is-sena, ghall-habta ta' Marzu jew April, Mariella kienet qalet li ma sabitx il-flus li kineu jzommu hi u George fil-kaxxa. Dakinhar Mariella cemplitli diversi drabi biex tara jekk George kienx gab xi flus d-dar. Kont ghedtilha li George ma kien gab xejn. Anzi, ghedtilha li kont ghadni kemm hallastlu l-bolol ghaliex minhabba li kien ghadu kemm fetah il-business tieghu, kien ghaddej minn zmien finanzjarju difficli. Hi kienet qaltli li taf b'dan ghaliex irceviet ir-ricevuti tal-hlas.*" In vista, ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ukoll ikkontribwixxa biex tfarrak iz-zwieg taghhom.

**5.8** Fl-affidavit tieghu l-appellant qal li ma jara "*l-ebda raguni ghalfejn ghandi mmantni lil Mariella meta din hi b'sahhitha u kapaci ghax-xoghol. Hi ilha ma tahdem minn xi sena u nofs qabel iz-zwieg. Illum it-tifel ghandu tmien snin u ghalhekk imur l-iskola.*" Dan gie ripetut fir-rikors tal-appell fl-ewwel aggravju u in sostenn ta' din il-fehma, l-appellant iccita mis-sentenzi: **Lea Tabone f'isimha proprio u bhala kuratrici ta' bintha minuri Yanika vs Jesmond Tabone**[21] u **Carmen Tabone Reale pro et noe vs Anthony Tabone**[22]. Din il-Qorti sejra tikkoncentra biss fuq dak li qalet il-Qorti fl-ewwel sentenza hawn imsemmija

[20] A fol. 157
[21] Qorti Civili, Prim Awla, deciza fit-2 ta' Ottbru 2003
[22] Qorti Civili, Prim Awla, deciza fit-12 ta' Dicembru 2001

biss, u dan peress li fit-tieni sentenza l-partijiet kellhom iz-zwieg taghhom annullat qabel ma nghatat is-sentenza fil-kawza taghhom ghas-separazzjoni.

Issa, fl-ewwel sentenza hawn imsemmija, il-Qorti kienet qalet hekk:

"*Illi din il-qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni li ghamlet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-kawza fl-ismijiet "**Marthese Vella pro et noe vs George Vella**" deciza fit-28 ta' Frar, 2003 fejn inghad illi "l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex il-potenzjali li tahdem u tiggera introjtu". Inghad ukoll f'din l-istess sentenza illi "t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxx l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabilitajiet fuq il-mara mizzewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabilità ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja". (Ara decizjoni fl-ismijiet "Doris Tabone vs Carmelo Tabone", appell, 15 ta' Dicembru 1997.*"

Fl-istess sentenza, izda, l-Qorti ssoktat tghid li l-principju enuncjat mil-gurisprudenza taghna hu soggett ghal eccezzjoni u cioe`:

"*Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, però jista' jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista' jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri. Illi ghalhekk jekk tezisti raguni sufficjenti bhal din hawn appena imsemmija, jista' jkun illi parti fiz-zwieg ikollha thallas il-mantiniment lill-parti l-ohra ghal tul ta' zmien.*"

Fil-kaz in dizamina hu sinifikanti l-fatt li l-appellata ilha ma tahdem zmien mhux hazin. L-appellant xehed li martu ma kinitx tahdem u "*... kienet ilha li spiccat mill-impjieg taghha*

*xi sena u nofs qabel ma zzewwigna.*"[23] Mill-provi mhux maghruf jekk hija kienitx telqet mill-impjieg li kellha minn jeddha jew kinitx giet issensjata. Mhux kontestat li hija kienet u ghadha tbakkarlu biex taghmel ix-xoghol tad-dar. Izda, sakemm tohrog u tintegra ruhha fil-qasam tax-xoghol specjalment jekk tippartecipa f'xi skema ta' tahrig ghax-xoghol, kif suggerit mill-appellant, trid certu zmien u mhux se jkun facli ghaliha li ssib ix-xoghol minnjufih. Apparti li hija dedikata hafna ghax-xoghol tad-dar – haga li ghandha tigi wkoll, kif effettivament giet minn dawn il-Qrati, rikonoxxuta bhala kontribuzzjoni ghall-komunjoni ta' l-akkwisti – ma ntqal xejn dwar l-edukazzjoni u l-hiliet tal-appellata li jistghu jaghtu dawl fuq kif tista' tirrintegra fil-qasam tax-xoghol. Din il-Qorti wkoll, ma tistax ma tqisx li fil-prezent hija qieghda tiehu hsieb lil binhom minuri ghax hija fdata bil-kura u l-kustodja tieghu wara li l-appellant minn jeddu accetta li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri tkun fdata lilha.

**5.9** Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha msemmija, din il-Qorti qieghda tirrespingi l-ewwel aggravju.

**6.** *Il-manteniment ghall-minuri*

**6.1** L-appellant jilmenta li rata ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar iffissata mill-ewwel Qorti hi wahda eccessiva u d-dhul tal-appellant ma' jippermettilux ihallas l-ammont kif stabbilit. Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant qal li l-introjtu tieghu hu bejn €5800 u €6800 fis-sena. Fl-atti ta' din il-kawza din il-Qorti ma sabitx stqarrijiet specifici mill-appellant u lanqas dokumentazzjoni (nghidu ahna, balance sheet u profit & loss accounts, dikjarazzjonijiet fiscali [inkluzi dawk tal-VAT] stante li l-appellant hu *self-employed* u obbligat bil-ligi jzomm il-kotba tal-kontijiet) li juru d-dhul nett tal-appellant. Il-figura ta' €5800 u €6800 fis-sena tissemma biss fir-rikors tal-appell, u minkejja l-impenn li dawn il-figuri kienu se jkunu sostanzzjati waqt it-trattazzjoni, ebda taghrif jew dokumentazzjoni ma kien ipprezentat lil din il-Qorti. Din il-Qorti ghalhekk se jkollha

[23] A fol. 155

tistrieh fuq il-ftit informazzjoni li sabet fix-xiehda li nghatat u tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.

**6.2** Fl-affidavit taghha, l-appellata qalet li l-appellant "*meta telaq mix-xoghol, iddecieda li jiftah ghal rasu fil-qasam tl-aluminium. Fetah hanut fis-Siggiewi ftit 'il boghod mid-dar taghna. Nghid li wara ftit zmien qabad u kellu xoghol gmielu. Kien beda jhallili mitt lira fil-gimgha ghall-bzonnijiet tieghi u tal-familja.*"[24] Mill-introjtu ta' zewgha l-appellata kienet tircievi – fl-istess affidavit kienet regghet qalet: *"...mitt lira fil-gimgha ghall-bzonnijiet tieghi u ta' ibni u cioe` erba' mitt lira fix-xahar. Pero` jien qatt ma sirt naf ezattament kemm jaqla' min-negozju ta' l-aluminium ghaliex qatt ma kien jghidli. Lili ma kien jinvolvini xejn fin-negozju tieghu u qatt ma rajt id-dikjarazzjoni tad-dhul tieghu ghal fini ta' taxxi.*"[25] Dan ifisser li f'sena l-appellant kien jaghti lil martu l-ammont ta' hamest elef u mitejn Lira Maltija (Lm5200) li llum hu ekwivalenti ghal tnax-il elf mija u tnax-il Euro u erbgha u sebghin centezmu (€12,112.74). Din l-istqarrija ma gietx kontestata mill-appellant. Barra dan, kien iwarrab ammont li kien izomm id-dar biex bih ikun jista' jixtri l-materjal mehtieg ghan-negozju tieghu. Skond l-appellata: *"... wara li zewgi ha l-flus mill-kaxxa lanqas manteniment ma baqa' jaghtini. Ghamilt aktar minn erba' gimghat noqghod fuq li jtuni ommi u z-ziju tieghi George Borg ghaliex lanqas kelli flus biex nitma lil ibni. Kien biss wara li pprezentajt rikors fil-Qorti tal-Familja u ottenejt digriet li beda jhallasni Lm 50 fil-gimgha*."[26] Permezz ta' rikors tad-9 ta' Frar 2007 in atti a fol. 80, l-appellata kienet talbet zieda fil-manteniment ghat-tifel minuri peress li "*l-minuri qed jikber u l-ispejjez ghat-trobbija tieghu zdiedu.*" Ma kien inghata ebda digriet biex il-manteniment jigi rivedut u dan peress li wara li l-ewwel Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-appellant bid-dritt ghar-risposta ma sar xejn izjed u kollox waqaf hemm. L-appellata tircievi ghajnuna finanzzjarja mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali.[27]

---

[24] A fol . 20
[25] A fol. 20
[26] A fol. 22
[27] A fol. 238

**6.3** Il-Perit Legali kien tal-fehma li "*il-manteniment moghti lit-tifel ghandu jizdied ghaliex l-ispejjez dejjem jikbru, u tletin lira fil-gimgha huma wisq ftit sabiex jigi mrobbi tifel ta' dik l-età.*"[28]

**6.4** Jirrizulta mix-xiehda li nghatat li l-appellant iqatta' hafna hin fuq il-post tax-xoghol tieghu. Spejjez ta' natura kapitali ma sarux ghax kif qal l-appellant stess, "*ma hrigna xejn minn taghna ghall-akkwist u tlestija ta dan il garaxx li jappartjeni lill-genituri tieghi.*" Mil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti l-appellant se jmissu ammont tajjeb. Mill-i*statements* bankarji pprezentati jirrizulta li l-konjugi Chetcuti kellhom kontijiet bankarji tat-tfaddil u ma rrizultax li n-negozju tal-appellant kien qieghed jitmexxa permezz ta' self jew overdraft. Dwar ix-xoghol tieghu ghal rasu l-appellant kull ma qal kien li "*bdejt bil-mod u kien hemm zmien difficli u ghadni sal lum ghaddej minn mumenti difficli fil-finanzi.*"[29] Apparti din l-istqarrija fejn l-appellant jirreferi ghal "mumenti" difficli ma gab ebda prova biex juri kemm hu d-dhul tieghu attwali u kif jikkompara mad-dhul li kellu f'perjodi finanzjarji passati.

**6.5** Wara li kkunsidrat is-sitwazzjoni kif deskritta fil-paragrafi precedenti, din il-Qorti hi konvinta li l-appellant **ghandu** l-mezzi biex ihallas il-manteniment ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar lill-appellata bhala manteniment tal-minuri kif iffissat mill-ewwel Qorti. Ghalhekk, it-tieni aggravju qieghed jigi respint ukoll.

**7.** *Likwidazzjoni Tal-Assi*

**7.1** It-tielet aggravju mressaq mill-appellant jikkoncerna l-komputazzjoni tal-kreditu parafernali u jilmenta li l-ewwel Qorti hadet zball fil-komputazzjoni li ghamlet. Skond l-appellant il-kreditu kellu jammonta ghal €5402.01 liema ammont jikkonsisti f'pagamenti ta' kambjali li thallsu fuq il-vettura tal-marka TATA kif ukoll hlas tal-kontribuzzjoni nazzjonali lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali.

---

[28] A fol. 565
[29] A fol. 156

**7.2** Minn ezami tal-affidavit tal-appellant kif ukoll dak ta' ommu Angela Chetcuti, jirrizulta li saru tlettax-il (13) pagament ta' €233.31 (Lm100.16) u sitt (6) hlasijiet ta' €232.73 (Lm99.91) u biex saru dawn il-pagamenti gie debitat il-kont bankarju li d-dettalji tieghu jidhru a fol. 159 sa fol. 162 tal-process. Inghad li omm l-appellant kienet halsitlu l-ammont ta' €612.63 (Lm263) li kellu jaghti ghall-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali. Ma gietx pprezentat r-ricevuta tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali jew id-Dipartiment tat-Taxxi Interni. L-appellata ma kkontestatx li hija ghandha tirrifondi l-hlas li ghamlet omm l-appellant – fil-fatt ma kkontestatx dak qal il-Perit Legali fir-rapport tieghu dwar dawn ir-rigali u lanqas appellat mis-sentenza. Ghalhekk, mill-provi jirrizulta li omm l-appellat ivversat b'kollox l-ammont ta' €4429.41 (€3033.03 + €1396.38) sabiex jithallsu l-kambjali tal-vettura. Jizdied ma' dan it-total l-ammont ta' €612.63 li thallas ghall-imsemmija kontribuzzjoni. B'hekk, b'kollox thallset is-somma ta' €5042.04. Issa, minn din is-somma ghandhom jonqsu l-ammonti li jridu jithallsu lill-attrici u cioe`, l-ammont ta' €3,494.06 (sehemha mill-flus li kienu jinzammu d-dar) maghdud flimkien mal-ammont ta' €1165.00 (sehemha mill-valur tal-vettura TATA), biex b'hekk jibqa' l-bilanc ta' €382.98 dovut lill-appellant.

**7.3** Din il-Qorti ghalhekk tilqa' t-tielet aggravju u sejra tvarja s-sentenza tal-Prim'istanza fis-sens li l-kreditu parafernali jammonta ghal total ta' €5042.04. Wara li mill-ammont ta' €5042.04 jsir it-tnaqqis tal-ammonti dovuti lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, kif gja` intqal fil-paragrafu precedenti ghal dan, l-appellanti jibqaghlu jircievi l-ammont ta' €382.98 li l-appellata ghandha thallas mir-rikavat tal-bejgh tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

**<u>Decide</u>**

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti (fil-paragrafu 5 tad-*decide*) fejn jinghad "u tordnalu jhallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u hmistax-il ewro u sebgha u tmenin centezmu (€2,415.87) lill-attrici a

saldu ta’ sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ghar-raginijiet indikati” u minflok din il-Qorti qieghda tillikwida total ta’ tliet mija u tnejn u tmenin euro u tmienja w disghin centezmu (€382.98) li ghandu jithallas lill-appellant mir-rikavat tal-bejgh tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti; u, salv dan il-kreditu tal-appellant kontra l-assi tal-komunjoni, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li t-terminu ta’ sitt xhur ghall-bejgh tad-dar jibda jiddekorri mil-lum. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) filwaqt li dawk ta’ dana l-appell jithallsu kwantu ghal erba’ partijiet minn hamsa (4/5) mill-konvenut appellant u r-rimanenti kwinta parti (1/5) mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------